Art.180 L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 17 ta' Ottubru, 2003

**Dawk ukoll**

Xi kultant ahna l-Maltin nahsbu li kulma jghid il-barrani huwa xi Bibbja. Forsi ghalhekk il-maggoranza tal-Maltin tixtieq issir parti mill-UE – halli Malta tkun immexxija mill-bravi barranin. Insomma xi kultant nissuspetta li bhalma l-Maltin jippreferu certi kalzetti ghal "dawk ta' barra" hekk ukoll jippreferu min jitmaghhom ir-ross bil-labra ghal "ta barra".

Izda lanqas "ta' barra" ma jaqblu dejjem bejniethom. Bhalma ma jaqblux taghna. Qabel ma ghaddiet l-ahhar elezzjoni kien hemm hafna li ppuppaw sidirhom u qalu li ma jibzghux mill-kompetittività.

Dawn kienu bejjiegha ta' prodotti, sidien ta' hwienet kif ukoll nies ohra li jiddependu mill-*benessere* ta' dawn li semmejt ghax impjegati maghhom. Il-Prim Ministru kien fuq quddiem qabel l-imbierka elezzjoni (u mbierka sew kienet).

Huwa nnifsu ppoppa sidru fuq quddiem halli jmexxi l-armata ta' negozjanti u intraprizi Maltin li lesti jikkompetu ma' intreprendituri ohra barranin.

Min-naha l-ohra kien hemm lehen jghajjat fid-dezert u jghid li kien hemm certi fabbriki u mpjegti taghhom li qablilhom jistaqsu u jindagaw sewwa dwar x'impatt seta' jkollha shubija shiha fl-Unjoni.

Kien hemm hafna li qablu mieghu u qaghdu ftit attenti minn ohrajn. Kien hemm ukoll dawk li hasbu li kien qed jesagera.

Is-sitwazzjoni tal-lum jafha kulhadd.

Din il-gimgha kwazi kuljum gejt ikkuntattjata minn diversi zghazagh biex nghinhom isibu xoghol gdid. Kull meta nisma' nies li naf jistaqsuni ghax-xoghol ma niehux pjacir ghax naf li ghal kull wiehed li jirrikorri ghandi ghall-ghajnuna jkun hemm xi ghexieren ohra bhalu li qeghdin jiltaqghu ma' l-istess diffikultajiet.

Izda jekk hadd ma qabel ma' dak li kien wissa dwaru Dr. Sant, jekk tippermettuli, illum xtaqt nirreferi ghal rizultat ta' studju maghmul minn *Cato Institute* – fondazzjoni ta' ricerka ta' politika pubblika bbazat f'Washington – li kkonkluda proprju li shubija shiha fl-U.E. se ggib maghha nuqqas ta' kompetittività ghall-istess artijiet.

Proprjament l-istudju koncernat immira fuq l-artijiet ta' l-Ewropa tal-Lvant jew Centrali (CEEC) u fil-fatt igib l-isem ta' "*EU enlargement, cost, benefits and strategies for Central and Eastern European Countries*".

L-istudju jitkellem fuq il-fatt li ghal dawn il-pajjizi se jkun hemm il-vantaggi ta' inqas *trade barriers* u sa mill-2010 libertà shiha ta' moviment tal-haddiema. Però, shubija shiha ghal dawn il-pajjizi se ggib maghha zvantaggi kbar u tirrizulta f'nuqqas ta' kompetittività.

Ir-raguni ghaliex dawn il-pajjizi se jbatu, skond Marian L. Tupy, Assistent Direttur ta' "*Cato's Project on Global Economic Liberty*", hija minhabba l-fatt li dawn il-pajjizi foqra jkunu mgieghla

mill-Unjoni jadottaw hafna regolamenti u direttivi li ma jkunux dawk addatti ghall-izvilupp ekonomiku taghhom u, fih innifsu, dan inaqqas it-tkabbir ekonomiku tal-pajjiz.

Huwa jghid li ghal pajjiz biex ikun jista' jimplimenta r-regolamenti kollha f'dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol, agrikultura u ambjent jgholli l-prezz tal-produzzjoni tal-pajjiz, mentri l-armonizzazzjoni tat-taxxi li ghandha ssehh fil-gejjieni tipprovdi theddida ohra ghall-kompettività ta' dawn il-pajjizi.

Tupy jirrakkomanda li dawn il-pajjizi applikanti ghandhom biss zewg rimedji biex ma jhallux dan jigri. L-ewwelnett, ghandhom jopponu kwalunkwe limiti fuq kompetizzjoni tat-taxxi li ttista' ggibhom ferm inqas attraenti ghall-investituri u t-tieni jissuggerixxi li ghandhom jahdmu biex jitnehhew regolamenti li huma stretti wisq u li jistghu jxekklu bis-shih l-izvilupp ekonomiku taghhom.

Nittama li l-Gvern taghna huwa *al corrente* ta' dan l-istudju, u nittama wkoll li jikseb kopja tieghu u jaqraha sewwa. Veru li dan l-istudju huwa jaqrah sewwa! Veru li dan l-istudju mkien ma jsemmi 'l Malta, izda nahseb li ghalxejn noqoghdu nilaghbuha ta' l-infallibbli, u li qisna 'l fuq minn kwalunkwe problema u, li, ahna xi gellieda ma jirbhilna hadd! Ix-xhieda ta' l-impatt jista' jkollha fuqna l-implimentazzjoni tar-regolamenti kollha ta' l-Unjoni digà qeghdin immissuha b'idejna.

Jiddispjacini li llum iktar ghamiltha ta' traduttrici milli tajt xi opinjoni personali tieghi, però ghal darba xtaqt ma nghid xejn halli nhalli 'l haddiehor jitkellem floki u, fl-istess hin, nurikom li mhux Alfred Sant biss qalha, imma dawk ukoll.

**Tislija**

Xtaqt nikteb ftit dwar zjara tieghi fic-Centru Lokali tas-Siggiewi fejn kelli merhba tajba hafna specjalment minn Alex, il-persuna li tiehu hsieb il-*bar* ta' l-istess centru.

F'dan il-*bar* iltqajt ukoll ma' J. Aquilina u Marlene Pullicino Orlando, zewg persuni li ghandhom xi in komuni – persuni li minhabba d-decizjonijiet li jaraw jittiehdu minn Gvern Nazzjonalista ddecidew li jghinu attivament lill-Partit Laburista halli jwaqqfu dak li huma biss jafu iktar minna x'dejjaqhom fl-amministrazzjoni prezenti.

Hadt ukoll pjacir nara l-hegga tal-Laburisti Siggiwin. Niehu wkoll din l-opportunità biex nirringrazzja 'l dawk il-Laburisti kollha li tawni merhba fic-Centru tal-Lokali taghhom kull meta jien attendejt ghal-laqgha generali annwali taghhom.

Minghandhom stajt nitghallem dwar l-attribwiti u d-diffikultajiet li jiltaqghu maghhom f'dak il-lokal partikolari.

Ix-xoghol politiku tieghu maz-zmien irrid napprofondixxih u l-uniku mezz kif naghmel dan huwa nitkellem maghkom.

**Gharukaza**

Gharukaza xi kjuwijiet ta' karozzi qed ikun hemm dehlin jew hergin mill-Imgarr x'hin tibda jew tispicca l-iskola.

Dawn il-kjuwijiet ta' karozzi jinholqu minhabba l-fatt li apparentement l-gheziez genituri tat-tfal imprezzabbli li jattendu l-iskola San Anton ma jridux jafdaw lit-tfal taghhom mas-sewwieqa tal-*minibus*.

Ghalija l-fatt li joqoghdu jiehdu u jmorru ghat-tfal taghhom kuljum dik id-distanza twila juri diversi affarijiet. L-ewwelnett, li ommijiethom m'ghandhom xejn ahjar f'hiex jahlu hinhom; it-tieni, li l-kapitalist biex juri l-istatus tieghu lest li jaghmel hafna sagrificcji – anke jidhol u johrog darbtejn kuljum l-Imgarr; it-tielet, li dawn in-nies li jippuzaw bil-karozzi ma jimportahomx mill-ambjent u lesti jniggsu pajsagg li s'issa ma kienx imnigges u r-reba' hi li lesti sahansitra jpoggu lit-tfal taghhom f'iktar periklu ghax il-*minibuses* huma hafna iktar *safe* ghat-tfal – ghalkemm wara l-incident gravi li gara il-kumment tieghi gie tard wisq.

Però, sfortunatament, huwa fatt li saru diversi habtiet fil-hinijiet li qed insemmi, tant li l-*barrier* li qieghda fuq *traffic island* fl-ahhar tat-triq, ghal min jaraha kuljum, jaf li ma ddumx dritta iktar minn gimgha!

Nappella lil dawk kollha li joqoghdu jgorru lit-tfal taghhom wiehed wiehed u wahda wahda lejn l-iskola, jahsbuha ahjar, u jekk mhux ghall-petrol, jew ghas-sahha ta' wliedhom u taghhom infushom, jibzghu ghall-ambjent ta' l-Imgarr.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net